

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Mejju 2020 – Martínez Albainox vs EUIPO – Taser International (TASER)

(Kawża T-342/19) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea TASER – Trade marks verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea TASER – Raġunijiet relattivi għar-rifjut – Ħsara għar-reputazzjoni – Qliġ idderivat indebitament mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti – Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2020/C 230/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Martínez Albainox, SL (Albacete, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Taser International, Inc. (Scottsdale, Arizona, l-Istati Uniti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Marzu 2019 (Każ R 1576/2018-4), dwar proċedura ta' nullità bejn Taser International u Martínez Albainox.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Martínez Albainox, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 255, 29.7.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Mejju 2020 – Workspace Group vs EUIPO – Technopolis Holding (UMA WORKSPACE)

(Kawża T-506/19) ⁽¹⁾

(Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali UMA WORKSPACE – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea u figurattivi u verbali preċedenti tar-Renju Unit WORKSPACE – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)

(2020/C 230/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Workspace Group plc (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: N. Hine, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Technopolis Holding Oyj (Oulu, il-Finlandja) (rappreżentanti: E. Skrzydło-Tefelska u K. Gajek, avukati)